



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

2014/0064(CNS)

24.3.2014

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Portugall japplika rata mnaqqsa tad-dazju tas-sisa fir-reġjun awtonomu tal-Madejra fir-rigward ta' rum u likuri prodotti u kkonsmati lokalment u fir-reġjun awtonomu tal-Azores fir-rigward ta' likuri u eaux-de-vie prodotti u kkonsmati lokalment (COM(2014)0117 – C7-0104/2014 – 2014/0064(CNS))

Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

Rapporteur: Danuta Maria Hübner

(Proċedura simplifikata – Artikolu 46(1) tar-Regoli ta' Proċedura)

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet tat-testi l-ġodda huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu **■** jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni hija indikata billi t-test il-ġdid jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW	5
NOTA SPJEGATTIVA	6

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Portugall japplika rata mnaqqa tad-dazju tas-sisa fir-reġjun awtonomu tal-Madejra fir-rigward ta' rum u likuri prodotti u kkonsmati lokalment u fir-reġjun awtonomu tal-Ażores fir-rigward ta' likuri u eaux-de-vie prodotti u kkonsmati lokalment (COM(2014)0117 – C7-0104/2014 – 2014/0064(CNS))

(Proċedura leġiżlattiva speċjali – konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2014)0117),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ġie kkonsultat mill-Kunsill (C7-0104/2014),
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 55 u 46(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A7-0000/2014),
1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni;
 2. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
 3. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda t-test approvat mill-Parlament b'mod sostanzjali;
 4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

NOTA SPJEGATTIVA

Skont in-nota spjegattiva tal-proposta tal-Kummissjoni, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/831/KE tal-10 ta' Novembru 2009, addottata abbażi tal-Artikolu 299(2) tat-Trattat tal-KE (li issa huwa l-Artikolu 349 tat-TFUE), awtorizzat lill-Portugall, sal-31 ta' Diċembru 2013, li japplika rata mnaqqsa tad-dazju tas-sisa fir-reġjuni ultraperiferiċi ta' Madejra u l-Ażores fir-rigward ta' rum u likuri prodotti u kkonsmati lokalment, u fir-rigward ta' likuri u eaux-de-vie prodotti u kkonsmati lokalment rispettivament, minħabba ċ-ċkunija, in-natura fframmentata u l-mekkanizzazzjoni baxxa tal-impriżi agrikoli, u bil-għan li jiġu kkompensati l-ispejjeż addizzjonali mġarrba fit-trasport tal-materja prima u l-installazzjoni tat-tagħmir f'dawk ir-reġjuni insulari remoti.

Skont dik id-Deċiżjoni, għal dawk il-prodotti l-Portugall jista' japplika rata tad-dazju tas-sisa aktar baxxa mir-rata sħiħa imposta fuq l-alkoħol stipulata fl-Artikolu 3 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/84/KE, u aktar baxxa mir-rata minima tad-dazju tas-sisa fuq l-alkoħol stabbilita minn din id-Direttiva iżda li ma tkunx aktar minn 75 % inqas mir-rata tad-dazju tas-sisa nazzjonali standard fuq l-alkoħol.

Il-Portugall talab li din l-awtorizzazzjoni tiġedded sal-31 ta' Diċembru 2020, u l-Kummissjoni kkonkludiet li dan it-tiġdid huwa ġustifikat sabiex jiġi evitat li l-iżvilupp ta' dawk ir-reġjuni ultraperiferiċi jitpoġġa f'periklu, filwaqt li ma tgħawwiġx il-kompetizzjoni fis-suq intern, meta jitqies li l-vantaġġ tat-taxxa jkun limitat għal dak li hu meħtieġ biex ikun hemm kumpens għall-ispejjeż addizzjonali.

Fid-dawl tal-fatt li din il-miżura hija maħsuba biex tkompli tistimola l-attività ekonomika fir-reġjuni ultraperiferiċi, u li m'għandhiex effett distorsiv fuq is-suq intern, il-President tippromponi li din il-proposta tiġi adottata mingħajr emenda, f'konformità mal-Artikolu 46 tar-Regoli ta' Proċedura.